MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 125/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Mifsud**
**Thomas Mifsud**
**Owen Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Mifsud, Thomas Mifsud u Owen Borg talli fid-29 ta’ Settembru, 1999 f’Hal-Qormi (**1**) hebbew ghal Mustafa Zakkarija minn Hal-Qormi b’oggett iebes u kkagunawlu griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dott. Alexander Sammut M.D. tal-*Qormi Health Centre*; u aktar (**2**) talli kisru l-bon-ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lit-tlett imputati hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannat lil Emanuel Mifsud u Thomas Mifsud ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija kull wiehed sospiza ghal sena, filwaqt li lliberat lil Owen Borg bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur; minbarra dan dik il-qorti qieghdet lit-tlett imputati taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jkellmux, ma javvicinawx u ma jimmolestawx lil Mustafa Zakkarija u l-familja tieghu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Emanuel Mifsud, Thomas Mifsud u Owen Borg, minnhom ippresentat fis-27 ta’ Gunju, 2003 li permezz tieghu talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa, fil-fatt, wiehed semplici: huma jikkontendu li qatt ma ghamlu dak li gew imputati bih, u li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin ossia zbaljat tal-provi. Fir-rikors ta’ appell taghhom huma janalizzaw, wiehed wiehed, id-deposizzjonijiet taghhom stess, dik ta’ Osea Micallef, tas-Surgent 160 Mifsud[1], u tal-kwerelant Mustafa Zakkarija u jargumentaw li kienet skorretta ghall-ahhar l-ewwel qorti meta din qalet li kien hemm inkonsistenzi fid-deposizzjonijiet ta’ Thomas Mifsud u ta’ Emmanuel Mifsud, kif ukoll meta rriteniet li l-versjoni ta’ Zakkarija kienet korroborata minn dik ta’ Micallef.

Issa, kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel qorti kif ukoll il-konkluzzjoni li hija tkun waslet ghaliha a bazi ta’ dawk il-provi jekk tkun sodisfatta li, mill-kumpless tal-provi kollha, dik il-qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun effettivament waslet ghaliha. L-ewwel qorti kellha l-

[1] Id-deposizzjoni ta’ dana l-ufficjal tal-Pulizija fil-fatt ma tinsabx fl-atti, pero` din il-Qorti ser tiehu dak li jinghad fir-rikors li qal dan ix-xhud (dwar x’ra jew ma rax fuq il-persuna ta’ Mustafa Zakkarija) bhala li huwa korrett.

vantagg kbir li rat lix-xhieda kollha jiddeponu quddiemha *viva voce* – mentri din il-Qorti necessarjament trid timxi fuq it-traskrizzjonijiet li hemm fl-atti – u ghalhekk kienet f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti ta' tieni istanza biex tiddeciedi x'taccetta u x'ma taccettax mid-diversi deposizzjonijiet.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ghal aktar minn darba d-deposizzjonijiet kollha – u hadet in konsiderazzjoni dak li l-appellanti jghdu li qal PS 160 (ara n-nota *in calce*) – u frankament aktar ma terga' taqra dawn id-deposizzjonijiet aktar tikkonvinci ruhha li verament il-griehi li garrab Zakkarija (u li jidhru fir-ritratti ezibiti, u li gew konfermati minn tabib) garrabhom meta gie aggredit mit-tlett appellanti. Huwa veru li hemm certi diskrepanzi bejn il-verzjoni ta' dan Zakkarija u dik moghtija minn Osea Micallef; pero` dawn ma humiex diskrepanzi fis-sustanza izda pjuttost fid-dettal, u jirriflettu l-partecipazzjoni differenti tat-tnejn li huma fl-akkadut u l-mod kif kull wiehed minnhom baqa' impressjonat b'dattal izda mhux b'iehor (percezzjoni differenti ta' l-istess fatt). F'dan is-sens jista' jinghad li d-deposizzjoni ta' Micallef tikkorrobora fis-sustanza dik ta' Mustafa Zakkarija, minghajr ma wahda tkun ripetizzjoni pappagalleska ta' dik ta' l-iehor. Huwa veru, kif tajjeb josservaw l-appellanti (f'dik il-parti tar-rikors taghhom intestata "Dwar il-Piena") li mill-provi ma jirrizultax li Emanuel Mifsud ta' xi daqqa b'oggett iebes lil Zakkarija; izda min zamm lil dan Zakkarija (cioe` Borg u Emanuel Mifsud) biex Thomas Mifsud ikun jista' aktar facilment jerfa' jdejh fuqu huwa egwalment responsabbli fil-grad ta' awtur ghall-offizi li garrab l-imsemmi Zakkarija. Id-differenza fil-piena moghtija lil Emanuel u Thomas Mifsud minn naha u lil Owen Borg min-naha l-ohra, pero`, hi gustifikata fid-dawl tad-differenzi fil-fedini penali rispettivi taghhom (ezibiti fil-mori ta' l-appell)

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu operattiv ta' sena tas-sentenza ta' prigunerija sospiza (fir-rigward ta' Emanuel Mifsud u Thomas Mifsud) u l-periodu ta' tlett xhur tal-liberazzjoni taht kundizzjoni (ghal dak li

jirrigwarda lil Owen Borg) jibda jiddekorri mil-lum. Fl-ahharnett, peress li l-obbligazzjoni bil-miktub skond l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali ma saritx kif suppost – fl-atti hemm formula <u>wahda</u> iffirmata mit-tlett appellanti u ma jirrizultax car li kull wiehed minnhom qed jobbliga ruhhu indipendentement mill-iehor fis-somma ta' mitt lira ghall-periodu ta' sena – din il-Qorti tordna li din l-obbligazzjoni terga' ssir bil-mod infraskritt.

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**IMHALLEF**
**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum, 11 ta' Frar, 2004.**
**Appell Nru 125/03**
**Il-Pulizijav.Emanuel Mifsud**
**Thomas Mifsud**
**Owen Borg**

**<u>Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Mifsud, Thomas Mifsud u Owen Borg**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 11 ta' Frar, 2004, jien hawn taht iffirmat, **Emanuel Mifsud**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nkellimx, ma navvicinax u ma nimmolestax lil Mustafa Zakkarija u lill-familja tieghu, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

__________________________
(Emanuel Mifsud)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 11 ta' Frar, 2004.

Kopja Informali ta' Sentenza

______________________________

Deputat Registratur

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**IMHALLEF**
**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum, 11 ta' Frar, 2004.**
**Appell Nru 125/03**
**Il-Pulizijav.Emanuel Mifsud**
**Thomas Mifsud**
**Owen Borg**

**<u>Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Mifsud, Thomas Mifsud u Owen Borg**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 11 ta’ Frar, 2004, jien hawn taht iffirmat, **Thomas Mifsud**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nkellimx, ma navvicinax u ma nimmolestax lil Mustafa Zakkarija u lill-familja tieghu, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

______________________________

(Thomas Mifsud)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 11 ta' Frar, 2004.

_________________________

Deputat Registratur

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**IMHALLEF**
**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum, 11 ta' Frar, 2004.**
**Appell Nru 125/03**
**Il-Pulizijav.Emanuel Mifsud**
**Thomas Mifsud**
**Owen Borg**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Mifsud, Thomas Mifsud u Owen Borg**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 11 ta' Frar, 2004, jien hawn taht iffirmat, **Owen Borg**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nkellimx, ma navvicinax u ma nimmolestax lil Mustafa Zakkarija u lill-familja tieghu, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

_________________________

(Owen Borg)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 11 ta' Frar, 2004.

_________________________

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------